# Messaġġ ta' Mons. Arċisqof Pawl Cremona OP
# waqt żjara fl-Universita' - l-Erbgħa 21.02.2007

### Id-djalogu f'ambjent pluralistiku

L-ewwelnett nixtieq nirringrazzja lill-Kanċillier, lir-Rettur u lill-istaff u lill-istudenti talli mhux biss għamiltuli stedina biex niġi hawnhekk - jien ilqajtha bil-qalb - imma talli ġejtu hawnhekk ukoll biex naqsmu flimkien xi riflessjonijiet.

Għalija kien mument sabiħ li niltaqa' magħkom. Nixtieq li l-Knisja tkun ta' appoġġ.

Hemm żewġ livelli. L-ewwelnett għaliex hawnhekk, qabel ma hawn studenti, hawn persuni li f'dan il-mument qed jiffurmaw mhux biss il-futur akkademiku tagħhom, imma qed jiffurmaw il-futur tagħhom. Allura huwa tajjeb li, dak li l-Knisja tista' tagħti bħala valur, tajjeb li ma nkunux bogħod, anzi nkunu qrib. It-tieni fatt għaliex il-Knisja u l-Istituzzjoni ta' l-Universita', jistgħu t-tnejn flimkien jaħdmu mhux biss fl-akkademija, imma anki għaliex hemm ċertu valuri li jmorru lil hemm mis-suġġetti akkademiċi, imma li se jservu biex kull wieħed u waħda, b'mod speċjali mill-istudenti, fit-tfittix tagħhom għall-verita' jħossu anki l-appoġġ ta' dawn iż-żewġ istituzzjonijiet. Tfittxija għall-verita' li hija verita' sħiħa, ħolistika, interna, personali, li allura tifforma l-persuna u għax tifforma l-persuna tkun qed tifforma wkoll is-soċjeta'.

### Tliet esperjenzi

Jien nixtieq naqsam dawn il-ħsibijiet magħkom.

F'dawn il-ġranet, wiċċi deher kullimkien fuq intervisti etc. L-avvenimenti l-kbar kollha ħadu importanza. Imma nixtieq insemmi tliet affarijiet li juru anke l-ħlewwa ta' dawn il-ġranet: aneddoti li għaddejt minnhom jien u li kienu jfissru ħafna.

L-ewwel waħda, darba minnhom fuq it-televixin kien hemm ħija u qal li jiena, il-Ħadd, meta nkun id-dar ngħin - insajjar ma nafx - imma ngħin billi nixxotta l-platti; nieħu gost. Ġara li kien hemm waħda mara li, ftit wara, ġibitli xi ħaġa. Bil-ħlewwa kollha qaltli li ġabitli ċarruta - minn dawn li jinxtraw. Qaltli, 'isma', Kappillan' - għax il-mara kienet mill-parroċċa – qaltli, 'jiena smajt li inti tixxotta. Kieku taf kemm din hija tajba!' Li ridt ngħid, huma dawn li jagħmlu s-soċjeta', mhux iċ-ċelebrazzjonijiet il-kbar. Huwa dan, li nkunu qrib xulxin u kapaċi nagħtu dawn il-messaġġi ħelwin. Tiddejqux tgħadduhom.

It-tieni storja li ma dehritx kienet xi ftit ġranet ilu. Jiena kont qed ngħid - hekk se jiġri taf, f'kulħadd, fiż-żwieġ, f'kollox - l-ewwel tgħid 'iva'; jiena għidt 'iva' biex insir Isqof. Imbagħad tibda tinduna li ma' dik l-'iva' se jkollok ħafna affarijiet oħrajn li trid tobdi. Għidtilhom li waħda minnhom hija li, meta kont patri, jiena, kienet faċli: libsa bajda, hi x'inhi, u titfaħħha fuqek. Issa, waħda mill-ubbidjenzi hija li rrid

nagħżel jekk nilbisx l-iswed, nilbisx l-aħmar, nilbisx l-iswed bl-aħmar. Imbagħad għidtilhom li lanqas il-buttuni ma naf kemm għandi minn fuq s'isfel. U għaddiet! Wara kien hemm żewġ tfajliet, li kienu 'ushers', u qaluli: 'Taf li għandek tlieta u għoxrin buttuna!' Imnalla kienu huma li qaluli!

It-tielet, qabel ma ngħaddi għar-riflessjoni tiegħi, ħaġa li tagħtik kuraġġ għax aħna ilkoll limitati: Jiena sinċerament għidtha. Jiena naf li, għal dak li se nagħmel jiena, għal dak li jiddependi minni, nagħti lili nnifsi. Ifhmuha din, intom ilkoll. Ma tistax tagħti iktar minnek innifsek. Imma lilek innifsek tista' tgħaddih b'qawwa. Issa, fil-każ tal-ministeru tiegħi, ikun hemm valur ukoll li jiena nemmen li fejn ma nasalx jien se jkun hemm it-talb ta' ħuti u se jgħinuni. U waħda mill-affarijiet sbieħ hija li kien hemm persuna li kienet qed tmut - u mietet bil-'cancer', kellha 'cancer' terminali - li kienet qed tbati ħafna. Ċempilli r-raġel li mietet u qalli: "Isma, fl-uġigħ kollu tagħha bdiet sejra, 'kollox għal Pawlu, kollox għal Pawlu.' Ma stajtx nitkellem. Xi ħadd staqsieni jekk bkejtx. Għidtilhom li dak il-ħin bkejt. Kumbinazzjoni kelli intervista filgħaxija; dak il-ħin kont qed nibki, għaliex tara li l-persuna tant tkun kapaċi tkun parti minn dak li jista' jgħaddi permezz tal-Knisja, li anki ħaġa negattiva bħalma hija t-tbatija, kapaċi tinbidel f'talba li mbagħad tagħti l-ħajja. Dan hu l-misteru kbir ta' dak li nemmnu aħna.

Dawn huma tliet affarijiet li għalija kienu jservu - ma rridx inkun negattiv - imma iktar miċ-ċelebrazzjonijiet importanti, dawn huma affarijiet li jidħlu fil-qalb; tiddejqux anki tużawhom dawn l-affarijiet.

**Il-kelma 'djalogu'**

Il-lum xtaqt naqsam magħkom ftit riflessjonijiet fuq il-kelma 'djalogu'.

Meta kont qed ngħid pontijiet - imbagħad tafu li kien hemm 'cartoon', fuq il-pontijiet - tfisser li tidħol f'mentalita' ta' djalogu.

X'inhu djalogu? L-ewwelnett li jkollok xi ħaġa x'tgħid u tixtieq tgħidha; inkella ma hemmx djalogu. It-tieni li tkun kapaċi tisma' dak li qed jgħid ħaddieħor. It-tielet li inti ma tingħalaq qatt. Allura, jekk tkun trid verament djalogu, irid isir fil-kuntest ta' mħabba u rispett lejn il-persuni l-oħra.

Jiena li xtaqt li naqsam magħkom hija biex nara daqxejn, naqsam magħkom, il-pożizzjoni tal-Knisja f'dan il-kuntest ta' djalogu bejn il-Knisja, kultura, l-Istat, hu x'inhu, u nipprova nuri n-naħa tad-djalogu min-naħa tal-Knisja, proprju x'inhu d-dawl.

Naħseb li l-istorja tal-Knisja kienet ibbażata - tista' tgħid ħafna iktar - imma fuq erba' tappi differenti, erba' mumenti differenti.

L-ewwel waħda hija, Ġesu' fuq is-Salib. Ġesu', f'Ħadd il-Palm, ftit qabel, tafu li kellu t-tentazzjoni li jkun popolari. Kieku f'Ħadd il-Palm ħa l-okkażjoni politika,

b'dawk in-nies kollha warajh, kien jiġi bil-poter imma b'relevanza differenti. Ġesu' ħa l-poter waħdu fuq is-salib, mhux relevanti għall-bnedmin, imma relevanti għal Alla. Dan huwa l-ewwel punt; meta nitkellmu l-kelma 'relevanza' mhux in-numri - jalla jkun hemm ħafna numri, imma mhux in-numri. Relevanza quddiem Alla li int, akkost li inti tbati, tkun qed tkompli tgħid dak li Alla jistenniek li tgħid bħala Knisja. It-tieni ħaġa, fil-mument ta' l-istorja naħseb kien hemm mumenti fejn il-Knisja, fis-sens ta' numri kienet relevanti għaliex kellha l-istati tagħha, kellha ħafna renjanti, l-imperu kattoliku etc, imma kien ukoll mument ta' tentazzjoni kbira għaliex l-awtorita' spiritwali għaqqditha ma' awtorita' li kienet awtorita' politika. Huwa mument li allaħares il-Mulej ma daħalx anki fil-Knisja permezz ta' persuni li kellhom qawwa kbira ta' l-ispirtu – il-profetiżmu - għaliex kienu mumenti wkoll ta' fejn il-Knisja tħares lura u jiddispjaċiha. Per eżempju, mumenti ta' fejn il-Knisja waslet għall-inkwiżizzjoni; biex titlob maħfra tagħha għax ma kenitx qed turi l-wiċċ veru ta' Kristu.

It-tielet ħaġa li, naħseb jien, kienet waħda mill-affarijiet sbieħ li ġraw fil-Knisja, allavolja ma għamlithiex hi, hija li l-Knisja kellha l-istat tagħha, stat Papali, u fis-Seklu Dsagħtax kien hemm ir-risorgimento fl-Italja u ħadulha l-artijiet tal-Papa. Dak il-ħin inħasdu. Imma jiena ngħid li dak kien mument fejn dak li l-Knisja ma għamlitx hi fiha nnfisha, Alla l-Imbierek għamel permezz ta' persuni oħrajn li allura ġabuha fl-istat tal-bidu: Il-Knisja li ma għandhiex qawwa politika, imma reġgħet għal qawwa morali. Il-Knisja li l-qawwa tagħha trid issibha mill-mod kif hi tgħaddi l-Kelma. Allura naħseb li l-lum qegħdin fi Knisja, qegħdin fi żmien fejn irridu niskopru din il-Knisja ġdida. Forsi ġieli smajtuha ngħidha; f'moħħna, ta' l-eta' tiegħi, għadna wisq naħsbu fuq il-mument ta' Knisja li nafu sittin, sebgħin sena ilu; Knisja fejn kulħadd kważi kien jaċċettaha, ħadd ma kien imeriha. Irridu noħorġu minn dik il-fażi u nerġgħu nidħlu f'fażi ġdida għal dak li kien fil-bidu fil-Knisja, meta l-Knisja trid terġa' tipproponi bil-qawwa l-messaġġ tagħha lid-dinja ta' madwarha. Dan trid tagħmlu b'mod speċjali billi hi tgħaddi mill-kwalita' tal-ħajja li tgħix il-komunita' nisranija. Il-fatt huwa li, għal min ma jemminx, għalxejn tippriedkalu; għal min ma jemminx il-fidi trid tgħaddi mill-imħabba.

Jiena, ħaġa li tgħallimt, darba kont qiegħed is-Sudan - u din hija r-rwol tal-Knisja - kont qiegħed fis-Sudan, għand is-Sorijiet ta' Madre Teresa. Hemmhekk kellhom ħafna li kienu morda bit-TB. Kien hemm xi ħadd li ġie għand s-sorijiet ta' Madre Teresa. Kienet Indjana. Qaltilha: "Isma' hemm xi ħadd qiegħed imut, nixtieq li tiġi biex tgħammduh." Ma kienx Kristjan. Din is-soru qaltilha: "Le, ma niġux biex ngħammduh; niġi biex nistaqsuh jekk iridx jitgħammed." F'dak il-mument, kien hemm is-soru li spjegatli. Qaltli: "Aħna, il-missjoni tagħna hija li nimlew lil dawn in-nies kollha b'kull imħabba; la huma tar-reliġjon tagħna, la huma tal-ġilda tagħna, la huma tat-tribu'" - tafu li hemm tribujiet differenti – "bit-tama li jkun hemm xi ħadd minnhom u jistaqsi u jgħidli, 'imma sister, għaliex qed tħobbni?' Qaltli: "Biex inkun nista' nwieġbu, 'għaliex Kristu qalli biex inħobbok.'" Qaltli: 'Imbagħad, ikolli t-tieni xewqa; it-tieni xewqa tkun li jgħidli, 'għallimni min hu Kristu ħa nsir nafu wkoll ħalli imbagħad nibda' ngħix skond hu.'"

Din hija l-missjoni ġdida tal-Knisja.

Dan l-aħħar sar il-kwestjonarju, iċ-ċensiment. (*Iċ-ċensiment dwar l-attendenza għall-Quddiesa tal-Ħadd, fejn irriżulta li 52.6 fil-mija kienu marru għall-Quddiesa*). Għalina l-insara, iktar milli hu biżgħa, huwa pjuttost sfida. Kieku sar ċensiment fl-ewwel żminijiet tal-Knisja, meta kien hemm 12-il Appostlu! Kieku sar ċensiment mad-dinja kollha, ma nafx kemm il-zero kien ikun hemm biex tasal 'point one' fl-aħħar. X'għamlet (il-Knisja)? Ingħalqet? Le. Jiġifieri għandi iktar lil min nagħti l-messaġġ; jiġifieri hemm poplu barra minni li jien irrid nagħtih messaġġ. Dan huwa l-kuraġġ li jagħtina l-Ispirtu s-Santu proprju f'dan id-dawl, anki fil-kuntest ta' min hi l-Knisja.

**Il-bażi għad-djalogu**

F'dan id-dawl, id-djalogu jrid ikun ibbażat fuq żewġ affarijiet.

L-ewwel waħda, fil-Konċilju Vatikan it-Tieni, fid-dokument '*Gaudium et spes*', jiġifieri l-Knisja fid-dinja tal-lum, hemm miktub hekk: "*Building up the environment and the provisions of assistance favourable to the development of culture without overlooking minority groups in the nations*." Jiġifieri d-dawl fil-bini tal-kultura, qed jgħid il-'Gaudium et spes', huwa li inti l-ewwel irid ikollok dawl, idejal fil-kultura, lejn xiex qed timmira. Minn hemmhekk, imbagħad, int se tinfetaħ biex il-'minority groups' ikollhom id-dinjita' li jistħoqqilhom. Imma irid ikun hemm valuri li fuqhom is-soċjeta' trid tkun ibbażata; u hawn tidħol il-Knisja.

It-tieni kwotazzjoni hija mid-'*Deus Caritas Est*'. Din (l-Enċiklika) tgħid hekk: Hu hawnhekk jidħol it-tagħlim soċjali Kattoliku. Dan ma jridx jagħti lill-Knisja xi setgħa fuq l-Istat; assulutament le. Lanqas irid jimponi, fuq dawk li m'għandhomx il-fidi, idejat u mġiba li huma tal-fidi; (il-Knisja) trid sempliċiment tagħti s-sehem tagħha biex ir-raġuni tissaffa u twassal l-għajnuna tagħha ħalli dak li hu ġust hawn hu issa jkun milqugħ u wara mwettaq. Jerġa' jgħid: Il-Knisja ma tistax u ma għandhiex tieħu f'idejha l-ġlieda politika biex toħloq soċjeta' kemm jista' jkun ġusta; la tista' u lanqas għandha tieħu post l-Istat. M'hemmx biżgħa meta titkellem il-Knisja. L-Istat għandu d-dimensjoni tiegħu. Qed ngħid hekk għaliex, hemm min qed jipprova jfixkel din l-idea. Iżda (il-Knisja) la tista' u lanqas għandha twarrab fil-ġenb mit-tħabbrik biex ikollna l-ġustizzja; hi għandha tidħol f'dan permezz ta' argumenti skond ir-raġuni etc. Mela dan huwa l-kuntest kif il-Knisja taħsibha fuq id-djalogu bejn il-Knisja u l-Istat.

**F'dinja pluralista**

Niġu għal kif isir dan id-djalogu min-naħa tal-Knisja.

L-ewwelnett, aħna, bħala Knisja, irridu naċċettaw li qegħdin ngħixu f'dinja pluralista. Dan irid isir miż-żewġ naħat. Min-naħa tal-membri tal-Knisja, ma nistgħux nibqgħu nistagħġbu quddiem dinja li għandha messaġġi differenti.

Ninħasdu aħna għaliex xi ħadd darba qal li Kristu kien miżżewweġ. Ġiet waħda mara mwerwra. Ma nafux li qegħdin f'dinja fejn kulħadd jgħid li jrid? Issa, x'se tagħmel b'dak li qed tisma'? Dik ħaġa oħra. Imma għadna nistagħġbu - allura nipparalizzaw lilna nfusna - għaliex ma għadniex nitkellmu b'lingwa waħda, messaġġ wieħed. Mela dik hija l-ewwel waħda: il-konverżjoni min-naħa tal-Knisja.

It-tieni waħda, anki d-dinja, il-kultura tagħna, li hija d-dinja liberali, trid taċċetta li aħna ma nistgħux inkunu bħala Knisja '*politically'* u '*culturally'* korretti. Ma jistax ikun li għaliex il-Knisja titkellem b'valuri li huma differenti minn dinja sekulari, il-ħin kollu jieħduha bi kbira. Kif jistennew li jiena, li l-premessi tiegħi huma differenti, jiena se ngħid il-messaġġ li bilfors iridu jisimgħu?

Allura, fid-dinja li qed ngħixu fiha, għandna żewġ kunċetti ta' realta', ibbażati fuq żewġ twemminiet. Għandna l-ewwelnett realta' ta' dinja bbażata fuq kunċett sekularista, relattivista. Hemm dritt; qed ngħidu bħala fatt; mhux bħala kritika, qed ngħidu bħala fatt. Jiena tinkwetani jekk ngħidu, mela għandek it-twemmin tal-Knisja, imbagħad liberaliżmu min-naħa l-oħra. Le; kull min qiegħed jitkellem qed jitkellem minn kunċett differenti ta' dak li jixtieq li tkun is-soċjeta'. Jiġifieri, meta jien qed nitkellem ma' xi ħadd – għax hekk tiġi ppreżentata – 'intom għandkom it-twemmin u aħna mhux veru għandna t-twemmin, liberaliżmu biss.' Mhu veru xejn. Għandek kunċett ta' soċjeta' li int trid tibni skond is-sekulariżmu u l-liberaliżmu. *So what?* Hija messaġġ ukoll; hemm il-messaġġ l-ieħor. Imma hija twemmin daqskemm jien nemmen li dak li rċievejt permezz ta' Kristu se jkun ta' ġid għas-soċjeta', bniedem sekularista-relativista - qed jagħmel it-twemmin, għax fuq kollox lanqas se jkun jaf li r-riżultat se jkun daqshekk tajjeb daqskemm jaħseb - għandu dritt u li jipproponiha. Dan huwa d-djalogu li aħna rridu nimxu fuqu.

Mela dik hija realta' ta' dinja bbażata fuq kunċetti etc. Imbagħad għandek realta' ta' dinja li tibda' mill-ideali anki fl-isfera morali, fi kwalita' ta' ħajja bbażata fuq il-valur, bħal fl-isferi l-oħrajn. Jiġifieri, jekk int qed titkellem fuq ekonomija, fuq finanzi, diġa' għandek xi ħaġa - tibni kollox madwarha. Aħna qed ngħidu, 'imma għaliex fl-isfera morali ma għandniex ikun ukoll xi ħaġa li hija ideal u aħna nitkellmu madwarha? Mhux kollox huwa l-istess, taħt valur. Dak li jgħodd fid-dinja finanzjarja, għaliex ma għandux ikun jgħodd (band'oħra). Dawn huma ż-żewġ ideat ta' kif qed nippreżentaw l-istat li qegħdin fih aħna. Mela hu importanti li dan kollu, dan id-djalogu, ikun f'atmosfera ta' veru liberta', inkella jkollna l-istess żball, aħfruli, tal-Knisja fil-medjuevu.

Issib xi wħud li jgħidu li huma liberali, imma m'huma liberali xejn.

Jiena kelli esperjenza. Darba konna qed niktbu fuq xi ħaġa, hi x'inhi, ilu ħafna snin. Spiċċajna li, meta jien qed nagħti l-idea tiegħi - naħseb kelli dritt - ikun hemm xi ħadd li huwa liberali, suppost, u spiċċajna għajjarni '*right and left'*, 'għax inti moħħok magħluq, għax inti hekk.' Jiena ktibtlu. Għidtlu, 'imma jiena mingħalija li inti bniedem li temmen fil-pluraliżmu. Pluraliżmu x'jiġifieri? Jiġifieri jkollok ħafna ideat, mhux waħda biss. Jiena mingħalija li inti bniedem liberali -

tifraħ għax hemm xi ħadd li qed jaħsibha differenti minnek, mhux l-istess. Għax inkella tista', anki din il-kultura li qed nagħmlu, tista' tkun tant soffokanti li tkun leħen wieħed. Hu importanti li ma tkunx leħen wieħed.

Mela hemm id-dritt, allura, li persuna tkun motivata mill-messaġġ Kristjan bħad-dritt li persuna tkun motivata minn twemmin communist, minn twemmin (ieħor).

Għaliex l-uniku ħaġa li ma tistax tkun motivat, hu minn ħsieb Kristjan? Għaliex? Dik, jibdew jgħajjru; 'għax int moħħok magħluq." Jiġifieri l-ebda Kristjan ma jista' jirrifletti fuq dak li jgħid Kristu, anke permezz tal-Knisja, jagħmlu tiegħu u jgħid 'dan'. Dak le, dak mhux possibbli.

Fuq (tv) Taljan kien hemm xi ħadd tal-Partit Radikali. Kellhom referendum. Kien hemm xi 25 fil-mija qalu kontra r-referendum - fuq li *stem cells.* Dawk li kienu kontra, li ma riduhiex, kienu 75. Min kien qiegħed jitkellem, f'daqqa waħda bdiet tgħid, 'għax dawk kollha moħħom…' Ħamsa u sebgħin - ara ftit fl-Italja jekk hemmx 75 fil-mija li jimxu skond il-Knisja. Imma għaliex inzertat li l-pożizzjoni tagħhom hija skond il-Knisja, f'daqqa waħda dan ma jistax. Jigifieri naħseb irridu niġġieldu kontra din il-mentalita', u nħallu daqxejn ta' spazju wkoll.

**Il-kunċett tat-tolleranza**

It-tieni hemm il-kunċett tat-tolleranza.

Il-Knisja, il-kunċett tat-tolleranza kif tifhmu s-soċjeta' tagħna ma taqbilx totalment. Naħseb li l-kunċett ta' tolleranza qed ikun li kollox jgħodd. Allura x'qed jiġri kultant? Qed niddefendi daqxejn lill-Knisja. X''qed jiġri? Qed jiġri li lilna qed jistennewna li aħna, qabel ma nitkellmu, inkunu tolleranti. Mhix hekk.

Kien hemm wieħed żagħżugħ li huwa parti minn dawn il-movimenti - mingħalija l-Bird Life - u kien qed jiddiskuti miegħi fuq hekk. Jiena f'xi mument għidtlu, 'intom tal-Bird Life, intom mhux il-messaġġ kollu tgħaddu qabel?' Mhux l-ewwel tgħid, 'ħa nara kemm se nkun tolleranti biex inpoġġi l-messaġġ.' Le; tpoġġi l-messaġġ imbagħad ħalli l-Istat ikissru; '*so what?*' Ma jriduhx; hekk iva. Imma ma tistax tippretendi li l-Knisja l-ewwel tkun tolleranti u tgħid, 'le, kollox jgħodd.' Le; il-messaġġ tal-Knisja jid ikun totalment kif inhu, kif għallimna Kristu, imbagħad ikun l-Istat, politiċi, l-elettur li jgħidu, 'aħna ma rriduhx, ma rriduħx." '*So what*?'

Jiġifieri l-idea li jagħtu lil Ċesari dak li hu ta' Ċesari jfisser li l-Knisja ma titkellimx, mhu veru xejn. Kristu ma qalx, 'ara agħtu lil Ċesari dak li hu ta' Ċesari' u ma tkellimx, Kristu. X'ma tkellimx, ma tkellimx. X'ma tkellimx ma tkellimx fuq valuri. Jiġifieri dik mhix interpretazzjoni vera ta' dak li suppost tkun.

Allura, minflok l-idea tat-tolleranza l-Knisja għandha dan: il-verita', li ġejja minn Kristu, magħquda mar-rispett għall-persuna anki li tista' tiżbalja. Għandha verita', imħabba għall-persuna - mhux tolleranza kollox jgħodd.

Tant hu veru dan li barra minn Malta ftit ilu kien hemm aġenzija tal-United Nations li faħħret l-Knisja Kattolika għaliex tieħu ħafna ħsieb ta' dawk li huma morda bl-HIV, Aids. Ma tgħidx, 'int għamilt hekk allura ma jimpurtanix.' Le, xorta nħobbok, allavolja jiena għidtlek messaġġ u forsi ma lqajtux; xorta nħobbok, ħa nieħu ħsiebek. Din huwa l-kunċett tal-Knisja.

It-tielet ħaġa l-kunċett tat-tajjeb u l-ħażin. Il-Knisja ma tistax ma tipproponix ukoll li hemm xi għemejjel - fil-kuntest ta' l-idea tat-tolleranza - li hemm xi affarijiet li ma tistax ma tgħidx, 'isma' dan mhux tajjeb; dan huwa tajjeb; dan mhux tajjeb.' Ħalli jekk wieħed ma jaċċettahx. Kemm tweġġak meta jkollok xi ħadd - il-kelma mhux se ngħidha biex inweġġa' - meta anke l-Kelma ta' Kristu tkun iċċensurata biex taqbel ma' l-ideat tal-lum.

Per eżempju, naħseb ġieli smajtuha, hemm dak il-każ ta' l-adultera fil-ħajja ta' Kristu, meta kien hemm xi ħadd, dik il-mara adultera li, fil-fatt, kienu se jħaġġruha. Imbagħad ikun hemm Ġesu' u f'xi mument jgħidilhom: 'Isma' min ma għandux dnub jitfa' l-ewwel ġebla'. U kulħadd mar. Imbagħad Ġesu' jdur lejn din il-mara u qalilha: 'Ħadd ma kkundannak?' U din il-mara qalet: 'Ħadd Mulej.' U Ġesu' qalilha: 'Lanqas jien ma nikkundannak…' Ma nistgħux niċċensuraw il-kelma ta' Ġesu' u, ngħidu din biss. Le; wara Ġesu' qal kelma oħra: 'Mur tidnibx iżjed.' Kif nista' niċċensura l-kelma ta' Ġesu', nieħu l-biċċa li togħġob lili biex taqbel mal-kultura li hawn, u nħalliha?

L-aħħar żewġ ħsibijiet.

L-ewwelnett il-Knisja għaddiet minn ħafna kulturi. Il-Knisja rat ħafna kulturi għaddejjin. It-tentazzjoni tal-Knisja tkun dejjem, tal-membri tal-Knisja, li hija aktar faċli li aħna nikkonvertu għall-kultura prevalenti. Kieku l-Knisja għamlet hekk fil-bidu taż-żmien, mal-kultura Rumana, x'kien ikun? Il-kultura Rumana kienet ħafna qrib tal-kultura tal-lum. Allura, jekk il-Mulej iridna nikkonvertu għall-kultura tal-lum, x'fettillu elfejn sena ilu ma qalilniex, ma qalx lill-Knisja, 'u ejjew mal-kultura Rumana.' Xorta (il-Knisja) baqgħet tmexxi l-messaġġ. Aħna nemmnu li jekk il-kulturi kollha għaddew - kemm kien hemm kulturi qawwijin, Rumani, Komunisti etc., kollha għaddew. Aħna naħsbu li anke din il-kultura jasal żmien fejn jibdew jidhru valuri differenti. Mela importanti li l-Knisja tkun hemmhekk.

L-aħħar ħaġa, il-kunċett tal-bniedem. Meta l-Knisja titkellem fuq il-kunċett tal-bniedem, għax hija għad għandha l-għajnejn, tipprova tħares, bl-istagħġib lejn il-bniedem. Jiġifieri min forsi, ħa ngħid hekk, ma jkollux din il-'*background* -, qed ngħid fid-dibattiti dwar abort, ewtanasja etc - imma l-Knisja meta tħares lejn il-bniedem tħares lejh b'għajnejn ta' stagħġib għax taf li hemmhekk hemm il-misteru ta' dak li hija l-ħajja ta' Alla; hemm misteru kbir.

Allura meta tara li kien hemm Ġesu' u darba meta ġie fostna - tafu li Ġesu biddel l-idea kollha tal-loġika umana fuq il-bniedem u (daħħal) il-loġika Kristjana. Il-

loġika umana sa fejn tasal?: 'Alla jbierek kemm hu b'saħħtu! Alla jbierek kemm hi sabiħ!' Sa hemmhekk tasal; għal dak li hu esternament sabiħ. Kristu darba qalilna li fl-aħħar ikun hemm ġudizzju u meta jkun hemm ġudizzju, imbagħad, se jgħidilhom 'grazzi talli ġejtu iżżuruni.' U dawk jgħidulu: 'Fejn ġejna nżuruk, mela aħna rajniek fil-ħabs Mulej?" Hu jgħidilhom li. 'kull darba li ġejtu iżżuru lil dawk li kienu hemm, ġejtu iżżuru lili.' Taf xi tfisser din? Ġesu' jidentifika lilu nnifsu mal-persuna li hija - ippermettuli l-kelma - fil-kruha tagħha tal-mard, tat-tbatija, tal-ħabs, u ta' kollox. Jiġifieri n-nisrani ikun kapaċi jgħid. 'imbierek Alla' mhux biss għal dak li hu sabiħ imma anki għal dak il-persuna, 'imbierek'; dik il-persuna li qegħda l-ħabs, 'imbierek'; kapaċi nara lil Ġesu' f'dik il-persuna li qed tbati.

Allura bilfors li l-konklużjoni tagħna ma tistax tkun il-konkluzzjon ta' min beda minn kunċett ta' sekulariżmu, li huwa differenti. Importanti li jkun hemm spazju biżżejjed biex anki dan il-messaġġ, f'din il-borma ta' ideat li hawn fil-pluraliżmu, jagħtu l-ispazju biex din il-kelma tinstema' b'mod qawwi. Imbagħad irid ikun, bħalma għidna, l-elettur, il-poplu Malti, li jista', tajjeb jew ħażin, jiddeċiedi.

Nirringrazzjakom.